

għal kull kilogramm tal-prodott, fl-1968, għadda minn 85 liri Taljani għall-Golden u 80 għall-varjetà Red, għal valuri ta' 105 u 110 liri Taljani rispettivament fl-1974. Wara fit snin, fl-1979, il-prezzijiet ittripplikaw u waslu sa 330 liri Taljani kull kg għall-Golden u 420 liri Taljani kull kg għar-Red; fid-deċennju ta' wara fl-1987 il-prezzijiet medji kull kilogramm kellhom il-valuri ta' 680 u 830 rispettivament. Mill-1996 sal-lum il-prezzijiet segwev xejra pożittiva ta' kobor u fl-2006 kellhom valur ta' EUR 0,31/kg għall-Golden u EUR 0,37/kg għar-Red u l-Gala. Il-medja tal-prezzijiet tat-3 varjetajiet kif imsemmija hawn fuq kienu mill-anqas 10 % ogħla mill-medja nazzjonali ta' varjetajiet bħalhom.

#### Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:

Il-Gvern nieda l-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni bil-pubblikazzjoni tal-proposta għar-rikonoxximent tal-IĠP "Mela di Valtellina" fil-Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana Nru 271 tal-21 Novembru 2005.

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab disponibbli:

- fuq il-link [www.politicheagricole.it/DocumentiPubblicazioni/Search\\_Documenti\\_Elenco.htm?txtTipoDocumento=Disciplinare%20in%20esame%20UE&txtDocArgomento=Prodotti%20di%20Qualit%C3%A0%20Dop%20Igp%20e%20Stg](http://www.politicheagricole.it/DocumentiPubblicazioni/Search_Documenti_Elenco.htm?txtTipoDocumento=Disciplinare%20in%20esame%20UE&txtDocArgomento=Prodotti%20di%20Qualit%C3%A0%20Dop%20Igp%20e%20Stg)

jew:

- billi wieħed jidħol direttament fil-paġna ewlenija tal-websajt tal-Ministeru ([www.politicheagricole.it](http://www.politicheagricole.it)) u jikklikkja fuq "Prodotti di Qualità" (fuq ix-xellug tal-iskrin) u mbagħad fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE (Reg CE 510/2006)".

---

### Avviż dwar talba skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva KE 2004/17 – Estensjoni tad-data tal-għeluq

#### Talba minn Stat Membru

(2009/C 148/12)

Fit-3 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill KE 2004/17 tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u dawk postali<sup>(1)</sup>.

Din it-talba, mir-Renju ta' Spanja, tikkonċerna l-produzzjoni u l-bejgħ tal-elettriku f'dan il-pajjiż. It-talba kienet is-suġġett ta' publikazzjoni fil-ĠU C 136 tas-16 ta' Ġunju 2009, p. 37. Il-perjodu inizjali jiskadi fl-4 ta' Settembru 2009.

Minħabba li s-servizzi tal-Kummissjoni jeħtiġilhom jirċievu u jeżaminaw tagħrif supplimentari u skont id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 30(6), it-tielet sentenza, id-data tal-għeluq li l-Kummissjoni għandha sabiex tieħu deċiżjoni rigward din it-talba hi estiża b'xahar.

Il-perjodu għalhekk jiskadi fl-4 ta' Ottubru 2009.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.